5

# Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

Saviour Borg u Doreen Borg
sussegwentment għall-ħruġ tal-permess
ta' żvilupp PA 3259/21 mill-Awtorità tal-Ippjanar lil Francesco Grima

vs

**l-Awtorità tal-Ippjanar**

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
28 JUL 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**26 ta' Lulju 2022**

## Appell ta' Saviour u Doreen Borg

**Rikors ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-deċiżjoni pprezentat kontestwalment mal-Appell tal-konjuġi Saviour u Doreen Borg**

**Jesponu bir-rispett:**

Illi dan rikors għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-deċiżjoni hu ippreżentat kontestwalment mar-Rikors tal-Appell mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni għal permess ta' żvilupp bir-referenza fuq imsemmija.

Din l-applikazzjoni titlob **To retain facade, to demolish the remaining part of dwelling and to construct a restaurant (Class 4D) and 9 offices (Class 4A)** fuq is-sit 67-68 Triq ir-Repubblika Rabat Għawdex u hi għal "Full development permission".

Illi l-konjuġi Borg huma "third party registered objector" , persuni interessati għall-finijiet tal-liġi u joqgħodu bieb u għatba mal-iżvilupp propost.

**Talba ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tad-deċiżjoni**

Illi permezz tal-preżenti l-appellanti l-konjuġi Borg umilment jitolbu għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-għotja ta' permess suġġett ta' dan l-appell sakemm tingħata deċiżjoni minn dan l-Onorabbli Tribunal taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhirlu li huma xierqa.

Illi l-appellanti konjuġi Borg qed jitolbu għal din is-sospensjoni għax l-inkonvenjenza li ser isofru jekk it-talba ma tintlaqax hija proporzjalment ikbar għal dik sofferta jekk tintlaqa'.

Illi dan għax jekk tintlaqa' t-talba l-applikant mhux ser isoffri l-ebda preġudizzju – anzi ħa jibbenifika mill-abbrevjazzjoni tat-termini stipulati fil-liġi għal għoti tad-deċiżjoni u għalhekk ħa jgwadi minn ċertezza legali.

Illi jekk it-talba tal-appellanti l-konjuġi Borg ma tintlaqax ha jipproċedu x-xogħlijiet b'riżultat li l-bini jigi kostruwit b'mod li jelimina spazju miftuħ protett u dan ma jkunx faċilment reversibbli.

Għaldaqstant il-konjuġi Borg qed jinterponu tal-talbi ghas-sospensjoni kif previst mill-liġi.

**Carmel Cacopardo.**
**PERIT**

**Claire Bonello**
**Avukat**

Konjuġi Borg : 65 Triq ir-Repubblika Rabat Ghawdex : borgdoreen63@gmail.com
Perit : 51 Triq Isouard Marsa : cacopardocarm@gmail.com
Avukat : 215/4 Triq l-Ifran Valletta : drcbonello@gmail.com